Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.10453 — Blackstone/Francisco/Dynamo)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 387/04)

1. Fil-15 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Blackstone, Inc. ("Blackstone", l-Istati Uniti tal-Amerka)

— Francisco Partners Management, L.P. ("Francisco Partners", l-Istati Uniti tal-Amerka)

— Dynamo Software Group ("Dynamo", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Blackstone u Francisco Partners jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Dynamo.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Blackstone: l-immaniġġjar ta' assi f'firxa wiesgħa ta' klassijiet ta' assi inklużi l-ekwità privata, il-proprjetà immobbli, id-dejn pubbliku, l-ekwità, l-ekwità tat-tkabbir, il-kreditu opportunistiku ta' kategorija spekulattiva, l-assi reali u l-fondi sekondarji,

— għal Francisco Partners: investimenti ta' ekwità privata ffukati esklussivament fuq negozji teknoloġiċi u negozji abilitati mit-teknoloġija,

— għal Dynamo: software għal kumpaniji tal-immaniġġjar alternattiv tal-assi u l-forniment ta' soluzzjoni bbażata fuq il-cloud li tgħin lill-investituri u lill-kumpaniji tal-immaniġġjar alternattiv tal-assi biex ikollhom relazzjonijiet tal-investituri permezz ta' sottomissjonijiet ta' dokumenti ta' konformità, ta' mmappjar ta' partijiet interessati u ta' rendikonti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10453 — Blackstone/Francisco/Dynamo

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-fax jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Fax +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË